MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2012

Numru 1054/2010

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**MAGISTRAT DOTTOR SAVIOUR DEMICOLI LL.D., M.Phil.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Tony Cachia)**

**vs**

**CARMELA MAGRI**

**Illum 11 ta' Lulju, 2012**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Carmela Magri ta’ 63 sena, bint Carmelo Ciantar u Josephine xebba Said, mwielda Zabbar, nhar is-17 ta’ Marzu 1947, residenti Blk A, Flt 6, Triq ic-Cikas, Zabbar, detentur tal-karta ta’ l-identita numru 334547M.

Giet akkuzata talli:

(a) fit-19 t’Awissu 2010, gewwa l-istabiliment Bargains Teleshopping, Triq Karmenu Camilleri, Qormi, minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta’ Anna Saffrett f’periklu car, ikkagunatilha offiza ta’ natura gravi hekk kif iccertifikat Dr Anna Grushenko mill-isptar Mater Dei.

(b) U aktar, talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi uzat vjolenza sabiex iggieghel lil Anna Saffrett thalli jsir, jew tonqos milli taghmel xi haga,

(c) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kisret volontarjament il-bon ordni u il-kwiet tal-pubbliku

(d) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebbet kontra il-persuna ta' Anna Saffrett sabiex tingurjha, iddejjaqha jew taghmel hsara lil din il-persuna
Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija, tipprovdi skond l-Art. 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghas-sigurta ta' Anna Saffrett

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputata iddikjarat li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-

ammissjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 214, 215, 216(1)(a)(ii), (iii), (b) u (d), 251, 338(dd), 339(1)(d) u 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Carmela Magri, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali netta tal-imputata, tillibera lill-istess imputata Carmela Magri taht il-Provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputata Carmela Magri b'obbligazzjoni personali ta' tmien mitt Ewro (Ewro 800) li zzomm il-kwiet ma' Anna Saffrett u li zzomm il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-konfiska tal-oggett esebit bhala Dok GNS1.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Carmela Magri l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------